MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 256/2004

**Untours Insurance Agents Limited (C5655) ghal Qatar Insurance Company, surrogati fid-drittijiet ta' Mario Farrugia u l-istess Mario Farrugia ID 675651M**

**Vs**

**Darren Camilleri u Joseph Camilleri**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' Lm200.27c (mitejn lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu) rapprezentanti danni kkagunati f'incident stradali li sehh f'tas-Sliema fis-7 ta' Gunju, 2003 bejn Peugeot Partner numru LCG 892 misjuqa mill-attur u Chrysler numru HAL 813 misjuqa minn Darren Camilleri.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' Lm200.27c (mitejn lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------